Malta Rugby Football Union
Marsa Sports Complex,
Aldo Moro Street,
Marsa, MRS9064
Malta
president@rugbymalta.com
+35679762378

16 ta' Ottubru 2024

Għażiż Kumitat tal-Verifika tal-Parlament ta' Malta,

Nixtiequ nressqu quddiemkom ilment dwar il-petizzjoni li ġiet ippreżentata sabiex titwaqqaf it-trasferiment ta' art fil-Marsa lill-Malta Rugby Football Union.

Huwa magħruf li dan il-proġett huwa wieħed essenzjali għall-iżvilupp tal-isport tar-rugby f'Malta. Il-Malta Rugby Football Union, permezz ta' dan il-proġett, qed tipproponi li tibni faċilitajiet sportivi moderni li mhux biss se jservu lir-rugby, iżda wkoll lil sportivi oħra u lill-komunità inġenerali. Dan l-iżvilupp huwa kruċjali biex inkomplu ntejbu l-infrastruttura sportiva tagħna u fundamentali għall-avvanz tal-isport tagħna.

Nixtiequ nenfasizzaw li l-faċilitajiet eżistenti tal-Malta Rugby Football Union għandhom bżonn urġenti ta' upgrade professjonali u ta' livell internazzjonali, simili għal dak li għandhom pajjiżi żgħar oħra bħal Ċipru. Dan huwa neċessarju sabiex fost l-oħrajn inkomplu ntejbu r-riżultati tagħna fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, fejn fl-ewwel parteċipazzjoni tagħna ksibna suċċess kbir, biż-żewġ timijiet tagħna—dak tan-nisa u dak tal-irġiel—jirbħu midalji tal-fidda. Dawn il-faċilitajiet, li ilhom jintużaw mir-rugby sa mill-1929, għandhom storja twila, fejn hemm dokumentazzjoni li tgħid li l-Ammiral kien saħansitra ta' encroachment lil clubs tar-rugby wara t-Tieni Gwerra Dinjija! Din hija art li ilha mwiegħda lill-komunità tar-rugby għal għexieren ta' snin. Ta min isemmi ukoll art f'Għajn Dwieli li minkejja li kien hemm kuntratti iffirmati u ftehim minn numru ta' gvernijiet, dawn qatt ma ġew materjalizzati.

Ir-rugby huwa segwit minn eluf ta' Maltin, kif deher b'mod ċar f'logħba internazzjonali riċenti li ġibdet aktar minn 1500 spettatur u ħafna eluf oħra li segwuha fuq l-Istazzjon Televiżiv Nazzjonali. Sabiex inkomplu ntejbu l-livell sportiv tagħna, li diġà qiegħed fuq għoli meta mqabbel mad-daqs ta' pajjiżna, għandna bżonn inżommu l-pass mal-iżviluppi internazzjonali. Aħna ftit logħbiet 'il bogħod milli nitilgħu fid-diviżjoni ogħla ta' Rugby Europe Trophy Division, xi ħaġa li qatt ma kisibna qabel. Madankollu, dan il-progress kollu jista' jiġi mfixkel jekk il-Malta Rugby Football Union ma tithalliex tikber u tiżviluppa kif imiss.

Illum, ninsabu verament f'salib it-toroq, u deċiżjoni li ċċaħħad lill-Malta Rugby Football Union milli jkollha d-dar tagħha—dar li ġiet imwiegħda diversi drabi b'kuntratti ffirmati—tkun daqqa ta' ħarta għar-rugby lokali li tista' twassal biex dan l-isport jisfaxxa għal kollox fi żmien qasir. F'każ ta' deċiżjoni li terġa ċċaħħadna, bħala Kunsill tal-Malta Rugby Football Union, m'għandniex għażla oħra ħlief li nwaqqfu l-kampjonat lokali u kull attività oħra tar-rugby f'pajjiżna, inkluż it-tħejjijiet u l-parteċipazzjoni tat-timijiet nazzjonali f'kompetizzjonijiet Ewropej fil-ġimgħat li ġejjin.

Nittamaw li t-tħassib tagħna jingħata attenzjoni xierqa u li l-Kumitat tal-Verifika jieħu deċiżjoni li tissalvagwardja l-futur tar-rugby f'Malta, fl-aħjar interess tal-komunità sportiva tagħna.

Grazzi tal-ħin tagħkom u tal-attenzjoni lejn dan il-każ.

Tislijiet,

Robert Portelli
President
Malta Rugby Football Union

Malta Rugby Football Union
Marsa Sports Complex,
Aldo Moro Street,
Marsa, MRS 9064
MALTA

Affiliations
World Rugby
Rugby Europe
SportMalta Reg. No. SM/A/035
Registered Voluntary Organisation VO/2255
Maltese Olympic Committee